ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 505**

**It-Tnejn 25 ta' Frar, 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Julian Paul Scicluna – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

John J Pace – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 505.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

505.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur John J Pace fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur John J Pace jkun skużat.

505.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Agius fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Agius ikun skużat.

## 505.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

505.2.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li wara paragrafu 503.8.1 jidħol il-kliem 'Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienu qed jidhru diversi kummenti fuq il-mezzi soċjali dwar ir-raklamazzjoni tal-art u talbet sabiex il-Kunsill joġġezzjona għal dan il-proġett.'

505.2.2 Il-minuti tal-503 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

505.2.3 Il-minuti tal-504 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

## 505.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

505.3.1 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari SPI 1/2019 dwar Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2019/2020 u nforma lill-Kunsill li kienet saret l-applikazzjoni għall-korsijiet tal-*Life Long Learning* sabiex jiġu organizzati klassijiet ta' tagħlim fl-Ingliż.

505.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva linji gwida dwar kif għandu jintgħażel wieħed mill-iskemi awtorizzati biex isir il-ġbir ta' skart riċiklat u eventwalment jiġi ffirmat kuntratt. Is-Sindku żied jgħid li fil-ġranet li ġejjin kien ser jinħareġ komunikat liż-żewġ skemi awtorizzati sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom kif mitlub fiċ-ċirkolari 3/2019.

505.3.3 Is-Sindku għamel referenza għar-regolamenti tad-*Data Protection* u dwar l-obbligu tal-Kunsill li jaħtar *Data Protection Officer* u qal illi l-Kunsill kien qed jitlob kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-irwol għandu jiġi assunt temporanjament mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Mary Rose Caruana.

505.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu tpoġġew *smart bins – iBiNs* minflok uħud mill-*bring in sites* fil-lokalità.

505.3.5 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn it-8 ta' Diċembru 2017 u l-31 ta' Dicembru 2018. Din il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

505.3.6 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Francis Cassar dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €633.24 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

505.3.7 Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Kirsten Axisa dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €100.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

505.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-maltempata li ħakmet lill-gżejjer Maltin fi tmiem il-ġimgħa li għadda u qal illi l-Kunsill kien għadu għaddej b'evalwazzjoni tal-ħsarat. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien qabbad kuntrattur sabiex ineħħi kull xorta ta' periklu mit-toroq peress illi kienu tkissru diversi siġar fi Ġnien il-Kunsill kif ukoll fil-*Housing Estate*. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier is-Sur Joseph Vella, lis-Sur Robert Buhagiar, lill-forzi tal-Ordni, lis-*Civil Protection* u lid-Dipartiment tal-*Cleansing* li taw is-sehem tagħhom sabiex jitneħħa kull periklu.

505.3.9 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq talba li kien irċieva mingħand ir-residenti ta' Triq Bieb is-Sultan sabiex il-Kunsill iħawwel siġra taċ-ċipress minflok is-siġra li kienet tqaċtet matul il-maltempa.

505.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħadd in-Nies kien tlesta.

505.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin kien mistenni jibda x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq ix-Xgħajra mill-Gvern Ċentrali.

505.3.12 Is-Sur Roderick Vella daħal għal-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.

505.3.13 Is-Sindku qal illi l-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali kien ħabbar li kien se joħroġ sejħa għall-offerti sabiex jinbnew mill-ġdid mija u sebgħin triq residenzjali oħra f'bosta lokalitajiet madwar Malta. It-toroq

imħabbra li se jsiru f'din is-sejħa f'Ħaż-Żabbar huma hekk kif ġej: Triq FX Attard, Triq Ta' Lanza, Triq in-Naħla u Triq ir-Rand.

505.3.14 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi ma kienet ġiet sottomessa l-ebda offerta għat-tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 2/2019). Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti tat-tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts.*

505.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien tlesta x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Ħas-Sajjied taħt miżura 4.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

505.3.16 Il-Viċi-Sindku daħal għal-laqgħa fis-6.25 ta' filgħaxija.

505.3.17 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jsir tibdil fil-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti taż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 1/2019) u minflok il-Viċi-Sindku jinħatar bħala membru s-Sur Joseph Vella u minflok il-membru s-Sur Brian Spiteri jinħatar bħala membru s-Sur Julian Paul Scicluna.

505.3.18 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC3/2019) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Robert Buhagiar, mill-Kunsillier is-Sur Joseph Vella u mill-Kunsillier is-Julian Paul Scicluna.

505.3.19 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-sejħa għall-offerti tal-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019), tinħareġ b'urġenza u tkun miftuħa għal perjodu t'għaxart ijiem.

## 505.4 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2018

505.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar 2018 - 31 ta' Diċembru 2018. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament dawn l- Istqarrijiet Finanzjarji.

## 505.5 Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv

505.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ħarġet sejħa għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

505.5.2 Is-Sindku talab sabiex jinħatar Bord għall-Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi l-Bord tal-Għażla għandu jkollu Segretarju li għandu jkun l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u ma jkollux dritt tal-vot. Ir-rwol tiegħu jkun li jsegwi l-proċess tal-għażla. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku, mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sur Joseph Vella biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla u biex iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

**505.6 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

505.6.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex isir ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) mal-Kunsill.

**505.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

505.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Jannar 2019 u l-25 ta' Frar 2019 li kienet tammonta għal €66,173.02. Din ġiet approvata unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

505.7.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Julian Paul Scicluna, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar 2019 li kien jammonta għal €130.85.

505.7.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi minħabba urġenza u esiġenzi ta' xogħol kien hemm ċirkostanzi fejn l-impjegati tal-Kunsill intalbu jaħdmu s-sahra.

**505.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

505.8.1 Is-Sur Joseph Vella qal illi nhar il-Ħadd 3 ta' Marzu 2019 ser jiġu organizzati żewġ attivitajiet tal-Karnival f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Vella żied jgħid li filgħodu ser ikun hemm defile` karnivalesk bis-sehem tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel li ser jibda minn Triq is-Santwarju, jgħaddi minn Triq il-Kbira u jintemm f'Misraħ is-Sliem, filwaqt li filgħaxija ser isir spettaklu f'Misraħ is-Sliem.

505.8.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2019.

505.8.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi s-*support* lis-siġar fi Triq tal-Labour baqa' ma sarx u wara l-grigalata li ħakmet fil-gżejjer Maltin is-siġar f'din it-triq kienu tmejlu.

505.8.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir *traffic management* u parti minn Triq il-Kapuċċini terġa' issir *one way.*

505.8.5 Il-Viċi-Sindku qal illi fil-passat din il-parti ta' Triq il-Kapuċċini diġa kienet saret *one way* u minħabba li xi wħud mir-residenti kienu oġġezzjonaw, il-Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jreġġa' kollox lura.

505.8.6 Is-Sur Joseph Vella talab li titneħħa il-mera li hemm fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Kapuċċini.

505.8.7 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li parti minn Triq il-Kapuċċini tiġi *one way* u talab li jsir infurzar lokali fi Triq il-Kapuċċini peress illi kien qed ikun hemm konfużjoni ta' traffiku.

505.8.8 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni biex tiġi diskussa l-proposta li jsir *traffic management* mar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Kapuċċini u l-madwar.

505.8.9 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsiru *traffic lights* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi qabel ma' toħroġ għal Triq tal-Labour.

505.8.10 Is-Sur Julian Paul Scicluna qal illi ma jaqbilx mas-Sur Buttigieg peress illi t-*traffic lights* kienu jżiedu t-traffiku. Is-Sur Scicluna ssuġġerixxa li jingħalaq l-aċċess għat-traffiku minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi għal Triq tal-Labour fid-direzzjoni tal-Kottonera. Il-Viċi-Sindku qal illi ma jaqbilx mas-suġġeriment tas-Sur Julian Paul Scicluna peress illi kienu bosta li jgħaddu fid-direzzjoni għal Triq il-Kunsill tal-Ewropa sabiex jevitaw it-traffiku li jkun hemm fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

505.8.11 Is-Sur Joseph Vella talab li tiċkien il-bankina ta' madwar il-Monument tal-Gwerra peress illi meta tieqaf il-karozza tal-linja fuq il-*bus stop* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, kien qed jinħoloq konġezzjoni tat-traffiku.

505.8.12 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kienet ser issir is-*central strip* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku qal illi l-ewwel kien għad irid isir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xgħajra mill-Gvern Ċentrali qabel ma' ssir s-*central strip*.

505.8.13 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur tal-knis ibattal *dog bin* li hemm fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Tal-Plier peress illi kien mimli.

505.8.14 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi flimkien mas-Sotto Kumitat tal-Familja u Tfal kienet ser torganizza ħarġa *The Malta Experience – The Audio Visual Spectacular*. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar u lura.

505.8.15 Is-Sur Julian Paul Scicluna rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-GAL Xlokk dwar *Measure 1 of the Local Development Strategy (LDS) - Restoration of assets of artistic and cultural value* u staqsa jekk il-Kunsill jistax japplika sabiex isir restawr ta' niċeċ f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi bħalissa l-Kunsill kien għaddej b'diversi proġetti u żied jgħid illi din l-applikazzjoni kienet tinvolvi ħafna preparamenti u l-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq jissottometti l-applikazzjoni fil-ħin.

**505.9 Mozzjonijiet; u**

505.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**505.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

505.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA
Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-506 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019.

IFFIRMATA
Marc Vella Bonnici
Sindku